MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 859/2015 LM

**Argus Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Silvio Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Sea Bank Catering Company Limited *ai termini* tal-polza t'assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u *ai termini* tal-liġi, u l-istess Silvio Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Sea Bank Catering Company Limited (detentur tal-karta tal-identità 26060(M))**

*('l-appellati')*

***vs.***

1. **Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar in rappreżentanza tal-istess Kunsill;**

2. **Enemalta plc**

**3. Ivan Borg u b'digriet tal-1 ta' Diċembru, 2021, l-atti ġew trasfużi f'isem Jake Borg (K.I. nru. 527993(M)), Nicole Borg (K.I. nru. 270296(M)) u Gareth Borg Cachia (K.I. nru. 325899(M))**

**4. Awtorità għat-Trasport f'Malta**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-Awtorità intimata **l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Novembru, 2019, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda billi filwaqt li laqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-soċjetà kjamata fil-kawża **Enemalta p.l.c.** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà kjamata fil-kawża Enemalta'] u tal-kjamat fil-kawża **Ivan Borg** [minn issa 'l quddiem 'il-kjamat fil-kawża Borg'], sab lill-intimata l-Awtorità għat-Trasport f'Malta [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellanta'] responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti **Argus Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata noe'] **u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Silvio Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Sea Bank Catering Company Limited** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat Debono noe'] ***ai termini* tal-polza t'assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u *ai termini* tal-liġi u l-istess Silvio Debono għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Sea Bank Catering Company Limited (detentur tal-karta tal-identità 26060(M))**

[minn issa 'l quddiem flimkien 'l-appellati'] u għalhekk laqa' it-talba tal-appellati u ordna lill-Awtorità appellanta sabiex tħallas is-somma ta' erba' mija u sittax-il Euro u sittax-il ċenteżmu (€416.16ċ), bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż ukoll għajr dawk tal-ittra uffiċjali u tal-ittra legali.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident li seħħ fis-26 ta' Frar, 2015 fit-8:45 ta' filgħaxija f'Triq ir-Ramla, in-Naxxar, meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBN 669 proprjetà tal-appellat Debono noe u assigurata taħt polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* mas-soċjetà appellata noe, filwaqt li kienet misjuqa minn Veronica Debono, għaddiet minn ġo ħofra filwaqt li kienet nieżla xita qawwija, u b'hekk ġarrbet ħsara.

**Mertu**

3. Għalhekk l-appellati ppreżentaw talba fit-30 ta' Ottubru, 2015 fil-konfront tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar in rappreżentanza tal-istess Kunsill Lokali Naxxar [minn issa 'l quddiem 'il-Kunsill appellat'] fejn talbu għall-kundanna tal-istess sabiex iħallas lill-imsemmija appellati s-somma ta' €416.16, rappreżentanti in kwantu għall-ammont ta' €55.00 *excess* li tħallas mill-appellat Debono noe skont il-polza ta' assigurazzjoni msemmija, in kwantu għall-ammont ta' €361.16 rappreżentanti l-indennizz li s-soċjetà appellata noe għamlet favur l-assigurat l-appellat Debono noe.

4. Il-Kunsill appellat wieġeb fl-24 ta' Novembru, 2015 fejn eċċepixxa preliminarjament li t-Tribunal ma kellux ġurisdizzjoni. Imbagħad fil-mertu eċċepixxa li huwa ma kellux jirrispondi għat-talba kif magħmula stante li meta seħħ l-inċident in kwistjoni, t-triq kienet qegħda tintuża bħala *"diversion road"* għat-traffiku, u għalhekk kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità appellanta, u dan filwaqt li sostna li t-talbiet kif magħmula kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. L-Awtorità kjamata fil-kawża wieġbet fil-11 ta' Diċembru, 2015, wara li t-Tribunal laqa' t-talba għall-kjamata fil-kawża tagħha permezz tad-digriet tiegħu[1], fejn eċċepiet preliminarjament li t-talba tal-appellati kienet waħda intempestiva għaliex hija qatt ma ġiet infurmata bl-allegat inċident u lanqas ukoll ma ġiet interpellata sabiex tersaq għall-ħlas tal-allegati danni. Fil-mertu, irrespinġiet il-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet magħulin kontra tagħha mill-appellati, filwaqt li ssottomettiet li kien jinkombi fuqhom li jagħmlu l-prova tad-danni allegati li kienu qegħdin jiġu kkontestati. Dan qalet salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

6. Is-soċjetà kjamata fil-kawża Enemalta plc wieġbet fis-6 ta' Diċembru, 2017 wara li t-Tribunal laqa' t-talba għall-kjamata fil-kawża tagħha permezz tad-digriet tiegħu tad-19 ta' Ottubru, 2017[2], fejn eċċepiet: (i) il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikoli 2128 u 2153 tal-Kap. 16; (ii) hija ma kinitx responsabbli għall-inċident in kwistjoni; (iii) għandu jiġi kjamat fil-kawża Ivan Borg, li flimkien mal-

[1] Ara *fol.* 13.
[2] A *fol.* 85.

ħaddiema tiegħu kienu qegħdin jaħdmu fl-inħawi; (iv) hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; (v) il-pretensjoni tal-appellati kienet qegħda tiġi kkontestata; u dan salv eċċezzjoni ulterjuri u bl-ispejjeż.

7. Wara d-digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Jannar, 2018[3] għall-kjamata fil-kawża ta' Ivan Borg, dan tal-aħħar wieġeb fis-17 ta' April, 2018, fejn eċċepixxa li t-talbiet tal-appellati kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għaliex: (i) l-azzjoni kienet preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16; (ii) huwa kien ħa l-miżuri neċessarji qabel ma nbdew ix-xogħlijiet.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

8. Permezz tad-deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru, 2019, it-Tribunal laqa' l-eċċezzjoni tal-Kunsill appellat u ddikjara li m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' il-każ odjern, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellata noe. Din tal-aħħar flimkien mal-appellat Debono noe, intavolaw appell fid-9 ta' Mejju, 2016 quddiem din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, li ddeċidiet billi laqgħet l-istess u ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-21 ta' Novembru, 2019 u ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih, filwaqt li bagħtet lura l-atti quddiem it-Tribunal sabiex jissokta bis-smigħ tal-kawża.

---

[3] *A fol.* 89.

9. It-Tribunal wara li kompla bis-smigħ tal-kawża, iddeċieda l-kwistjoni bejn il-partijiet wara li għamel is-segwenti sottomissjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Konsiderazzjoni*

*Dwar l-eċċezzjoni dwar il-kompetenza sollevata mill-Kunsill konvenut – din ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Lulju 2016 liema sentenza ma tatx raġun lill-istess Kunsill konvenut.*

*Dwar il-mertu*

*Dan huwa każ li ġara fit-02 ta' Marzu 2015 (fol 42) meta l-vettura GBN 669 kienet qed tiġi misjuqa fi Triq Ramel, Naxxar, saqet għal ġo ħofra li kienet miksija bl-ilma u kkawżat danni fir-rota tal-vettura liema danni jammontaw għal erba' mija u sittax-il ewro u sittax-il centezmu (€416.16ċ) li hija s-somma mitluba mill-attur noe et tenut kont li l-vettura kienet assikurata mal-istess soċjetà attriċi.*

*Illi dwar il-fatti ta' kif ġara l-akkadut kulħadd qed jabqel; li ma hemmx qbil huwa dwar min huma responsabbli għal dawn id-danni.*

*Jirriżulta mill-provi li t-triq kienet qed tintuża minn l-Awtorità għal Transport Malta dak iż-żmien, li l-istess Awtorità tat permess lil Enemalta plc biex isir tħaffir ta' trinek u li l-Enemalta plc qabdet lil kuntrattur Ivan Borg biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet, Jirriżulta wkoll li veru li għamlet ħafna xita meta kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet kif jammetti Ivan Borg stess fl-affidavit tiegħu.*

*Preskrizzjoni*

*L-Enemalta plc qed teċċepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2128 u tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li Ivan Borg qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-istess Kap.*

*Mill-atti jirriżulta li l-Enemalta ġiet notifikata b'dawn l-atti fit-23 ta' Novembru 2017 (fol 86) filwaqt li Ivan Borg ġie notifikat fit-22 ta' Marzu 2018. L-ittra uffiċjali mibgħuta mill-atturi fit-18 ta' Awwissu 2015 (fol 57) ġiet notifikata biss lill-Kunsill konvenut u għaldaqstant ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kap 16 eċċepiet mill-Enemalta plc jirriżulta li ebda att gudizzjarju ma ġie intavolat u wisq aktar notifikat lill-Enemalta mill-atturi.*

*Kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna fosthom fil-kawża:* ***Bartolomeo Zarb v Jesmond Camilleri et Qorti tal-Appell per Prim Imh Vincent de Gaetano, deċiża fis-7 ta' Ottubru 2015*** "Il-fatt li l-konvenut odjern kien kjamat fil-kawża preċedenti ma jinterrompix il-preskrizzjoni a favur tal-attur odjern. Il-kjamat fil-kawża huwa konvenut fis-sistema avversorjali u għalhekkk kien qiegħed jiġbed l-istess ħabel tal-konvenut f'dik il-kawża. *U l-istess fis-sentenza:* ***Michael Vella vs Andrew Camilleri moghtija minn l-istess Qorti kif preseduta fit-28 ta' Novembru 2003*** *u ċioé li l-kjamat fil-kawza huwa konvenut.*

*Dan it-Tribunal ser jgħaddi biex jistħarreġ jekk tirriżultax pruvata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art. 2153.*

*Kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet:* ***Stencil Pave (Malta) Limited vs Kunsill Lokali Naxxar, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta Mejju 2003****:*

"Hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, l-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq"*;*

*Hu stabbilit fil-ġurisprudenza illi min iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jeħtieġlu jipprova l-perkors taż-żmien statutorju* ***(Qorti tal-Appell – "Holland noe vs Chetcuti" – 25 ta' Frar 2000).***

*Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Dicembru 1987 fil-kawża:* ***Causon vs Sheibani noe*** *-*

"Min jeċċepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jagħmel prova sodisfaċenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri għaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".

*Ġie ritenut ukoll li huwa prinċipju tad-dritt illi l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti dubbju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv, dak id-dubbju għandu jmur kontra min jeċċepixxi l-preskrizzjoni* ***Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta' Ottubru 2004****, u* ***Ellul noe vs Vella noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).***

*Il-konvenuti kjamati fil-kawża qed jallegaw illi l-azzjoni attriċi hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153. Dan l-artikolu jgħid illi l-azzjonijiet għad-danni mhux naxxenti minn reat huma preskrivibbli għeluq sentejn. Dan l-artikolu japplika għal azzjoni għad-danni naxxenti minn relazzjoni extra kontrattwali.*

*Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet:* ***Laurenti Giovanni sive Vanni Et vs Mapa Holdings Ltd deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Mejju 2003*** *li:*

"Il-fatt illi hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx illi kull ħsara li ssir tkun bil-fors konsegwenza ta' inadempiment ta' xi obbligazzjoni li li toħroġ mill-kuntratt. Il-preskrizzjoni ta' tali għemil illeċitu, li ma jammontax għal reat, hija dik ta' sentejn taħt l-art. 2153."

*Sabiex tirriżulta din il-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li d-danni jkunu jidderivaw minn culpa aquiliana u ċioé minn ħtija mhux kontrattwali, kif ukoll li ma jkunux il-konsegwenza ta' reat.*

*Sabiex ikun determinat iż-żmien meta jibdew jiddekorru s-sentejn, trid issir referenza għall-Art. 2137 tal-Kap.16 li jaqra hekk:*

"Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

*Fil-każ tal-lum, l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata mill-mument li ġara l-inċident ċioé mit-2 ta' Marzu 2015. Huwa prinċipju magħruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt għar-riżarċiment tal-ħsara minħabba fatt illeċitu jiddekorri mill-mument li fih il-ħsara timmanifesta ruħha esternament u ssir oġġettivament perċepibbli u magħruf. Għal kull buon fini għalhekk dan it-Tribunal iqis li huwa f'din id-data ċioé fit-2 ta' Marzu 2015 li li fih twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina* ***(ara Laurent "Principii di Diritto Civile",Vol. XXXII para 16)****, u li jrid bħala bidu ta' tluq taż-żmien preskrittiv l-artikolu 2137, Kodici Civili. Ara b'eżemplari ta' dan il-prinċipju deċiżjonijiet* ***(Vol. XXVIII P Ip 726; Vol. XXIX P II p 103; Vol. XXXVI P II p 509 u Vol.XXXVII P I p 622)****, fost bosta oħrajn. L-artikolu 2153 tal-Kodici Ċivili jippreskrivi t-terminu ta' sentejn li fih għandha tittieħed azzjoni ġudizzjarja. L-inċident ġara fit-2 ta' Marzu 2015 u l-kjamati in kawża Enamalta u Ivan Borg ġew notifikati b'dawn l-atti fit-23 ta' Novembru 2017 u fit-22 ta' Marzu 2018 rispettivament u għalhekk ferm wara s-sentejn mill-akkadut.*

*Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront taż-żewg kjamati fil-kawża qed tiġi milqugħa.*

*Dwar il-mertu, mill-atti jirriżulta li t-triq in kwistjoni meta sar l-inċident kienet qed tintuża mill-Awtorità tat-Trasport Malta, li l-Awtorità tat-Trasport Malta tat permess lil Enemalta biex isir it-tħaffir u li għalhekk meta tenut kont li kienet din l-Awtorità li tat tali permess, xorta jibqa' l-fatt li b'dan hija ma żvestitx ruħha mir-responsabilità li tara li f'dik it-triq ix-xogħlijiet isiru kollha kif suppost.* ***.*** *L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li:*

"Kull wieħed iwieġeb għal ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu." *U mill-provi jirriżulta li t-tlett rekwiżiti sabiex tirnexxi tali azzjoni jikkonkorru fil-konfront tal-Awtorità intimata ċioé:*

*(i) prova tad-dannu mġarrab inkombenti fuq min jallegah (dan ġie pruvat mill-atturi noe);*

*(ii) il-kondotta doluża jew kolpuża (kommissiva u/jew ommissiva) tal-konvenut u*

*(iii) in-ness kawżattiv bejn tali danni u tali kondotta (**vide oħrajn George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe appell Kummerjali 2 ta' Marzu 1962**).*

*Dwar it-tieni rekwiżit, jigi rilevat li d-dottrina u l-ġurisprudenza hija aktar inklinata li xorta waħda takkolji ħtija fuq entità pubblika, f'ċirkostanzi simili, minkejja illi tkun tefgħet l-obbligi konnessi mal-esekuzzjoni tal-kuntratt kollha fuq il-kuntrattur. Hekk insibu jiġi mgħallem per eżempju illi:*

"When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor." *(fn. 11 Charlesworth: On negligence (2-304) fejn jigi kkwotat Lord Justice A L Smith).*

*L-istess insibu l-Qorti tal-Cassazione fl-Italja tiddeċiedi illi:*

"Chiunque opera a contatto della collettività deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danno agli altri. Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obblogo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avvertire i cittadini della preclusione al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente." (fn. 12 *Cass.*

*Civ. 6.8.65; kif riprodott minn Roberto Rovelli: "Responsabilta" Civili e Penali per gli Incidenti delle Strade).*

*Ta' fehma simili jidher li huma l-Qrati tagħna meta adottaw il-prinċipju illi:*

"... kien jinkombi b'dover fuq l-Awtorità pubblika, u dan jgħodd ukoll għall-entità pubblika, responsabbli minn certi xogħlijiet, illi tassikura li l-użu tat-triq u l-flow of traffic jigu żvolti mingħajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-miżuri prekawzjonali li jħarsu l-inkolumità tal-utenti jew tal-pedestrians li jkunu qed jagħmlu użu mit-triq. Hekk per eżempju billi tipprovdi guard rails, barriers u senjalazzjonijiet oħra adegwati. L-istess Awtorità jew entità pubblika għandha wkoll id-dover li tħares, b'indukrar suffiċjenti, illi fl-esekuzzjoni ta' xogħlijiet stradali, kuntratturi inkarigati jkunu qegħdin huma wkoll jieħdu l-miżuri protettivi għall-aħjar ħarsien tat-terzi. Jekk l-Awtorità jew entità pubblika tonqos f'dan tista', u għandha, issib ruħha rinfaċċjata minn domanda għar-riżarciment tad-danni, kif hekk inhu proprju l-każ in speċje." ***Richard Fenech vs Rook Construction Limited et: Prim'Awla: 3.10.2003;***

*Dan it-tieni rekwizit għalhekk ġie pruvat.*

*Dwar it-tielet rekwiżit, ċioé n-ness kawżattiv bejn tali danni u tali kondotta (vide oħrajn* ***George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe appell Kummerċjali 2 ta' Marzu 1962****) anke tali prova saret meta ġie pruvat li l-kuntrattur inkarigat mill-Enemalta plc ma ghħamilx it-tarmac tajjeb u inqalgħa bix-xita u għalhekk kien hemm dik il-ħofra li kkawżat tali danni."*

## L-Appell

10. L-Awtorità appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-11 ta' Diċembru, 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell interpost u tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla u mingħajr effett, u b'hekk tħassarha *ai termini* tas-subartikolu 8(4) tal-Kap. 380, u dan filwaqt li taqta' hija stess it-talba skont kif jiddisponi l-artikolu 7 tal-istess liġi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati. Filwaqt li tiddikjara li l-appell tagħha qed isir *ai termini* tal-para (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, tgħid li l-aggravji

tagħha huma s-segwenti: (i) it-Tribunal m'għamel l-ebda analiżi tal-prova miġjuba mill-appellati fir-rigward ta' kif ġara l-inċident in kwistjoni; (ii) it-Tribunal naqas milli jagħti l-motivazzjoni għall-konklużjoni tiegħu li t-triq fejn seħħ l-inċident kienet responsabbilità tagħha; u (iii) it-Tribunal wasal b'mod erronju għall-konklużjoni li hija għandha tkun responsabbli għal kwalsiasi xogħlijiet difettużi li saru mill-kuntrattur inkarigat mis-soċjetà kjamata fil-kawża Enemalta.

11. Is-soċjetà kjamata fil-kawża Enemalta wieġbet billi ssottomettiet li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata u l-ispejjeż tal-preżenti proċedura għandhom ikunu a karigu tal-Awtorità appellanta.

12. Il-Kunsill appellat ippreżenta r-risposta tiegħu fit-22 ta' Mejju, 2020 fejn huwa wkoll sostna li l-appell odjern għandu jiġi miċħud, u dan bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellanta.

13. Din il-Qorti permezz tad-digriet tagħha tat-3 ta' Novembru, 2021 laqgħet it-talba tal-Awtorità appellanta kif magħmula fir-rikors tagħha tal-10 ta' Settembru, 2021 għat-trasfużjoni tal-ġudizzju tal-appellat Borg f'isem Jake Borg, Nicole Borg u Gareth Borg Cachia [minn issa 'l quddiem 'l-appellati Borg'] wara l-mewt tal-imsemmi appellat Borg. Permezz ta' digriet ieħor mogħti fl-istess ġurnata, il-Qorti laqgħet ukoll it-talba tas-soċjetà Argus Insurance Company (Europe) Ltd (OC1216) sabiex titħalla tassumi l-atti tal-proċeduri odjerni minflok is-soċjetà Argus Insurance Agencies Ltd.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Din il-Qorti qabel xejn ser tikkonsidra s-sottomissjoni tal-Awtorità appellanta, li l-appell odjern ġie ntavolat *ai termini* tal-para. (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija Awtorità appellanta tikkontendi li meta ddeċieda l-preżenti proċeduri, it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità u b'hekk ġew ippreġudikati l-jeddijiet tagħha. Tispjega li t-Tribunal naqas milli jagħti l-motivazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni appellata, u dan minkejja n-nuqqas tal-prova reġina li kellha titressaq fir-rigward tad-dinamika tal-inċident u l-kawża tiegħu. Sabiex tissostanzja l-argument tagħha l-Awtorità appellanta tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Mobisle Communications Limited (C24655) u b'digriet mogħti fis-16 ta' Frar, 2016, GO p.l.c. (C22334) *vs.* Simon Estates (Naxxar) Limited (C35740)** mogħtija fl-20 ta' Ottubru, 2017 u tiċċita silta minnha. Il-Kunsill appellat wieġeb għal din is-sottomissjoni billi ssolleva l-improponibbiltà tal-appell odjern stante li dan ma sarx *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kap. 380.

15. Il-para. (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380 li fuqu l-Awtorità appellanta straħet l-appell tagħha jgħid hekk:

> *"(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:*
>
> *(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella".*

16. Għalhekk il-Qorti tgħid li kien mistenni li ġaladarba l-Awtorità appellanta qegħda tintavola appell li jmur oltre l-parametri stabbiliti mil-liġi, hija tippreżenta b'mod ċar ir-raġunijiet għaliex din il-Qorti għandha tikkonsidra l-appell tagħha li hija qegħda ssostni huwa permess fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) suċitat. Iżda l-Qorti ssib li l-appell tal-Awtorità appellanta ma fih xejn minn dan, iżda huwa redatt bħala sempliċi appell minn deċiżjoni fejn hija ma taqbilx mal-konklużjonijiet tat-Tribunal. Tikkonsidra li għalkemm l-ewwel aggravju tal-Awtorità appellanta huwa fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' analiżi min-naħa tat-Tribunal tal-prova tal-appellati dwar id-dinamika tal-inċident in kwistjoni, huwa evidenti minn eżami tal-atti tal-proċedura odjerna, li mhux biss ma sar l-ebda kontro-eżami tax-xhieda ta' Veronica Debono, li l-Awtorità appellanta tgħid hija l-unika prova li saret min-naħa tal-appellati, iżda wkoll ma tressqet l-ebda prova minn xi parti oħra sabiex tiġi kkontestata din ix-xhieda. Għalhekk il-Qorti tikkonsidra li t-Tribunal ma jistħoqqlux li jiġi mixli b'imparzjalità u b'nuqqas ta' ekwità fejn hija proprju l-Awtorità appellanta li naqset.

17. It-tieni aggravju tal-Awtorità appellanta huwa li t-Tribunal naqas milli jagħti motivazzjoni għall-konklużjoni tiegħu li t-triq kienet ir-responsabbiltà tagħha. It-tielet aggravju jittratta l-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-Awtorità appellanta allegatament għal kwalunkwe xogħlijiet difettużi li saru minn kuntrattur inkarigat mis-soċjetà kjamata fil-kawża Enemalta. Iżda hawn ukoll il-Qorti ma ssibx li l-aggravji tal-Awtorità appellanta għandhom jiġu kkunsidrati *ai termini* tal-para (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380. Tgħid li t-Tribunal ikkonsidra fl-fond il-kwistjoni ta' responsabbiltà għall-akkadut, u dan ukoll

permezz ta' riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, għall-każistika anki dik estera, u għall-awturi esteri esperti fil-materja. Imbagħad għadda sabiex ikkonsidra n-ness kawżali bejn id-danni li kienu qegħdin jallegaw li sofrew l-appellati u l-kondotta tal-Awtorità appellanta. Għalhekk hawn ukoll ma jirriżultax li l-appell tal-Awtorità appellanta huwa msejjes skont kif tirrikjedi l-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara li l-appell odjern huwa irritu u null stante li ma sarx skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 380, u għaldaqstant qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**